# L-Altar Maġġur

**Leonard Agius**

*Ħafna drabi nieħdu l-affarijiet b'ovvji, għaliex inkunu dejjem imdorrijin narawhom bl-istess mod. Jekk inħarsu biss lejn ir-ritratti li qegħdin nippubblikaw ma' dan l-artiklu nindunaw kemm kollox għandu l-istorja tiegħu u mhux kollox dejjem sar minn lejl għal nhar. L-altar maġġur ukoll għandu storja x'jirrakkonta. Leonard Agius din is-sena ħaseb li jirrakkontalna memorji mill-iżvilupp tal-armar tal-altar maġġur. Min jaf kemm-il darba ramah! Ħadd aħjar minnu ma jista' jgħidilna.*

Jekk tidħol fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop speċjalment fil-ġranet tal-festa għajnejk trid jew ma tridx imorru fuq l-Altar Maġġur. Mhuwiex il-ħsieb tiegħi li naqla' polemiċi iżda l-istorja hija dik li hi, ir-ritratti huma xhieda ta' dak li qiegħed nikteb. Dan l-altar għandu storja ta' kif kien jintrama' matul il-festa ta' San Leonardu. Fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Barbara (kappillan 1876-1932), dan għamel l-almu tiegħu biex iżejjen l-altar Maġġur għall-festa ta' San Ġużepp. Dan kollu fuq disinn tiegħu stess. Ta' min jgħid li kien jinqala' ħafna għal dan ix-xogħol. Meta x-xogħol kollu kien lest dan l-altar beda jintrama' fil-festa ta' San Ġużepp u dik ta' San Leonardu. Altar armat bi profeti u patrijarki li kienu jistonaw minħabba li dawn tal-aħħar ma kellhomx x'jaqsmu mal-ħajja tal-Patrun tagħna San Leonardu.

Meta laħaq kappillan Dun Franġisk Xuereb (1932-1937), dan ix-xogħol m'għoġbux u ta bidu biex għall-festa ta' San Leonardu l-altar maġġur ikollu l-armar tiegħu. U għalhekk beda biex ordna sett gandlieri prima u sekonda kif ukoll sitt appostli tal-injam indurati bil-fidda. Ta' min ifakkar li dan il-kappillan kien benefattur għall-festa ta' San Leonardu għax kien hu li ħallas minn butu għall-pedestall tal-istatwa li wasal fl-1964 bit-tħabrik ta' Dun Ġużepp Theuma (1960-1966) Dun Franġisk Xuereb żejjen ukoll il-bieb prinċipali tal-Knisja billi għamillu l-iskultura u żewġ armi tal-parroċċa li jġibu s-simboli ta' San Leonardu. Niftakar darba Monsinjur Xuereb, għaliex wara ħafna xogħol li wettaq fil-parroċċa tagħna u f'dik ta' Raħal Ġdid ġie ordnat Monsinjur, kien qalli li mar wieħed mill-parroċċa tagħna u qallu li m'għamilx sewwa li għamilt żewġ armi ta' San Leonardu imma missu għamel waħda minnhom ta' San Ġużepp. Huwa kien qalli li kien bagħtu lura minn fejn ġie wara li fakkru li l-parroċċa tagħna hija ddedikata lil San Leonardu.

Kien dan il-kappillan li 84 sena ilu għamel il-paviment tal-Knisja bl-irħam għax qabel kienu jidfnu fil-Knisja bħal ħafna knejjes oħra. Huwa rranġa wkoll biex iċ-ċimiterju ddedikat lil San Nikola, li kien tal-Gvern, jingħata lill-parroċċa. Ħasra kbira li fir-raħal tagħna m'hawnx triq imsemmija għal dan il-Monsinjur. Wara l-kappillan Xuereb laħaq Dun Ġużepp Inguanez (1937-1940) li kien minn tas-Sliema. Dan kompla dak li ħalla l-kappillan preċedenti, fejn ordna minn

Franza l-kanapew għall-festa ta' San Leonardu. Xogħol sabiħ ħafna bil-gwarniċun tal-fidda li għadna ngawduh sa issa. Huwa baqa' kappillan fil-parroċċa tagħna sa l-1940, fejn wara mar kappillan fil-parroċċa ta' Stella Maris tas-Sliema.



*Il-Kappillan Dun Franġisk Xuereb*



*Il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma*

Wara Dun Ġużepp Inguanez laħaq kappillan tal-parroċċa tagħna Dun Ġużepp Zarb (1941-1943) mill-Ħamrun iżda wara ftit snin mar kappillan Ħaż-Żabbar. Warajh laħaq Dun Mikiel Spiteri (1943-1952) li kien miż-Żejtun. Dan ġie fl-aħħar snin tat-Tieni Gwerra Dinjija u kif issettilja fil-parroċċa beda l-ħidma biex isir il-ventartal. Huwa qabbad lil Antonio Sciortino biex jagħmel id-disinn tiegħu u wara li għadda mill-approvazzjoni tal-Kurja għamel l-abbozz tiegħu. Dan inħadem fl-1949 għand id-ditta Robinich ta' Għajn Dwieli ta' Raħal Ġdid. Ta' min ifakkar li Dun Mikiel irranġa l-Knisja mill-ħsarat li ġarbet fil-gwerra, inbniet il-koppla u ħsarat oħra. Dun Mikiel bena d-Domus, waqqaf l-Azzjoni Kattolika tax-xebbiet u fi żmienu t-tagħlim tad-Duttrina kien isir fil-Knisja. Saret ukoll l-istatwa tad-Duluri li ħallset għaliha is-Sinjura Rożarja Zammit. Dak iż-żmien sar ukoll il-Kurċifiss, xogħol l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Wara l-parroċċa tagħna Dun Mikiel laħaq kappillan fil-parroċċa ta' San Pietru Birżebbugia.



*Il-bini tad-Domus. Jidhru Dun Mikiel Spiteri flimkien ma' Nardu u Karmenu Cassar (ritratt Angelo Spiteri)*



*Il-Kappillan Dun Mikiel Spiteri (Ritratt Pierre Balzia)*



*7 ta' Novembru 1954 – L-artal maġġur għall-festa ta' San Leonardu (Ritratt Joe Agius)*



*1954, l-altar armat bil-ġilandra għal Corpus Christi (Ritratt Joe Agius)*



*6 ta' Novembru 1955 - L-artal maġġur għall-festa ta' San Leonardu (Ritratt Joe Agius)*



***1949 –Pellegrinaġġ nazzjonali bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima miġjuba mill-Isqof Gonzi armata fuq l-artal maġġur (Ritratt Angelo Spiteri)***



***1950- L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li ġab Dun Mikiel Spiteri hekk kif waslet minn Bolzano (Ritratt Catherine Camilleri u Joyce Tabone)***





***L-altar maġġur armat għall-Milied (Ritratti Joe Agius)***



*L-altar maġġur armat għall-festa ta' San Benedittu (Ritratti Angelo Spiteri)*

Minbarra l-festi l-altar maġġur kien, u sa ċertu punt għadu jintrama' b'mod mill-aktar sabiħ f'okkażjonijiet differenti. Xi ngħidu, pereżempju għall-ġilandra mill-isbaħ li tintrama' għal festi ta' *Corpus Christi*? Din hi waħda mill-isbaħ arranġamenti li saru fuq disinn tal-Kappillan Barbara, li kif għidt qabel, kien jinqala' għad-disinn. Skond tagħrif li għandi mill-gazzetta Malta Tagħna, din inħadmet minn Antonio Sapiano fl-1920. Fi żmien Dun Mikiel Spiteri din kienet tintrama' f'*Corpus* u fil-Kwaranturi (l-għada tal-Milied). Fil-fatt niftakar li għall-Milied l-altar maġġur kien ikun imżejjen mill-isbaħ bil-bażi tal-ġilandra li fuqha kien jintrama Bambin. Dwar dan il-bambin sabiħ ma tantx għandi informazzjoni għajr li kien tax-xema' u wara l-Milied kien jitqiegħed fin-niċċa tal-istatwa ta' San Ġużepp. Illum din m'għadiex issir, u dan il-Bambin sabiħ ma nafux x'sar minnu. B'xorti tajba fadal ritratti tal-altar maġġur armat fil-Milied.

Jien u nqalleb ir-ritratti ftakart f'żewġ ċirkostanzi oħra meta l-altar maġġur kien intrama għal okkażjonijiet speċjali. Nibda minn okkażjoni speċjali tal-wasla tal-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li l-Arċisqof Gonzi kien ġab minn Fatima. Din qabel waslet Malta, ittieħdet Ruma fejn Papa Piju XII inkurunaha. Fl-1949 bi tħejjija għall-Kungress Marjan sar pellegrinaġġ nazzjonali b'din l-istatwa li kienet qed tittieħed minn parroċċa għall-oħra u tagħmel ġimgħa. Din inġabet fil-parroċċa tagħna minn Ħal Safi u sarulha ċerimonji kif jixraq. Kull fejn kienet tkun, kienu jarmawlha kif imiss. Fil-knisja tagħna kienet intramat fuq l-altar maġġur b'mant miżmum mill-erba' puttini ta' Karlu Darmanin li llum jintramaw mal-pedestall il-kbir ta' San Anard. Wara l-mant ir-raġġi tal-ġilandra u fuq kollox it-tużell l-antik it-tond. Minn Ħal Kirkop kienet ittieħdet b'pellegrinaġġ lejn il-Qrendi. Illum din l-istatwa tinżamm fil-knisja ta' Santa Caterina d'Italia l-Belt. Kienet qanqlet devozzjoni kbira lejn il-Madonna ta' Fatima, tant li sena wara l-Kappillan Dun Mikiel Spiteri ġab mid-ditta Stuffleisser ta' Bolzano l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima li għandna llum fil-knisja. Meta waslet Ħal Kirkop din intramat fuq l-altar maġġur, tista' tgħid bl-istess mod li kienet intramat l-istatwa tal-pellegrinaġġ nazzjonali.

Ritratt ieħor interessanti tal-istess epoka juri kif l-altar maġġur kien jintrama għall-festa ta' San Benedittu. Xi ħaġa li m'għadhiex issir. Meta San Anard kien għadu jsir f'Novembru, fl-ottava tiegħu kienu jarmaw mejda f'nofs l-altar maġġur, bil-gandlieri u x-xemgħat, u fuqha jarmaw il-korp sant ta' San Benedittu. Niftakar li fi żmien Dun Mikiel Spiteri, dan ġieli kien iġib xi seminaristi sabiex joħorġu l-korp sant f'purċissjoni mar-raħal, f'dak iż-żmien tas-sena.